# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Daniel Gheorghe State**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra Daniel Gheorghe State, detentur tal-karta tal-identita' Rumen numru 1890719244032, fejn ġie akkużat talli nhar l-14 ta' Settembru 2017 għall-ħabta tas-02:00 ġewwa Incognito Bar, li jinsab fi Triq Domenico de Nizza, San Pawl il-Baħar, ikkommetta serq ta' mobile phone għad-dannu ta' Josette Borg liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37) u bil-ħin (Art. 261(c)(f), 267, 270, 279(a) tal-Kodiċi Kriminali).

Rat li matul is-seduta tad-19 ta' Settembru 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-interpretu nominat u mill-konsulent legali tiegħu dottor Leontine Calleja bħala avukat tal-għajnuna legali, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u li ġew debitament reġistrati fl-att ta' dan il-każ;

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur li tenna li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li kien lest li jħallas lura lill-vitma l-valur tal-mobile phone in kwistjoni fl-ammont ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u għalhekk il-piena idoneja li l-Qorti setgħet tikkonsidra kienet dik ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha flimkien ma ordni ta' kumpens ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet lill-Avukat Difensur li saħqet li : -

1. L-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri;
2. L-imputat iddikjara mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni li kien lest li jhallas lill-vitma l-ammont l-valur tal-mobile phone in kwistjoni, fl-ammont ta` mitejn u hamsin ewro (€250).

***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil **Daniel Gheorghe State**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Kwantu għall-piena l-Qorti, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **tnax (12) il-xahar** priġunerija. Iżda wara li rat l-Artikoli 28A(1) u 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija **m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija** u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-hati r-responsabbilita tieghu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Illi ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) lil Josette Borg, KI 410569M u dan fi żmien hmistax il-jum.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali tordna li l-atti tal-kawża flimkien ma' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem skont il-Ligi.

***Mogħtija illum id-19 ta' Settembru 2017 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***